MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2015

Numru 121/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**v.**

**Jonathan Muscat**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, Jonathan Muscat, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 162899M, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bhala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali talli:

> Fl-14 ta’ Lulju 2012, għall-ħabta tat-tmienja neqsin kwart ta’ filgħaxija (7:45p.m.), waqt li kien fuq il-baħar fil-limiti ta’ Ta’ Ċenċ, Għawdex:
>
> 1. Ikkonfoffa jew ittanta, jew għen, ħajjar, ta pariri jew flus lil ħaddieħor biex jikser xi disposizzjonijiet, jew biex jikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u ċioé dawk magħmula taħt Regolament 4(1)(a); 4(1)(d); 5(1); 5(3)(b); 17 u 18(1)(e) dan bi ksur ta’ Regolament 27(1) tal-Avviż Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

U aktar talli fl-20 ta’ Lulju 2012, għall-habta tat-tlieta u kwart ta’ wara nofsinhar (3:15p.m.) u fis-snin ta’ qabel, fil-fond ‘Our Nest’, Triq Papa Ljun XIII, Nadur:

2. Żamm xi għasafar, kemm ħajjin kemm mejtin, jew parti minn xi għasfur, li l-kaċċa jew it-teħid tagħhom huwa projbit taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, u ċioé Gallozz tat-Tikek Porzana porzana; żewġ Gallozz Zgħir Porzana parva; Gawwija Rasha Kannella Larus ridibundus; Ċirlewwa Żgħira Sternal albifrons; u Bekkaċċ ta’ Mejju Gallinago media, kontra ddispozizzjonijiet ta’ dawk ir-regolamenti meta dawk l-għasafar ma kienux ġew iddikjarati u reġistrati mal-Awtorità Kompetenti sal-31 ta’ Mejju 2003 u mingħajr ma ngħata l-permessi, jew iċ-ċertifikati mill-Awtorità Kompetenti sabiex iżomm dawk l-għasafar u dan bi ksur ta’ Regolament 4(1)(e) tal-Avviż Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

3. Żamm għasafar, kemm ħajjin kemm mejtin, jew parti minn xi għasfur mhux imsemmi fl-Iskeda II jew l-Iskeda III tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, u ċioé Gallozz tat-Tikek Porzana porzana; żewg Gallozz Żgħir Porzana parva; Gawwija Rasha Kannella Larus ridibundus; ċirlewwa Żgħira Sternal albifrons; u Bekkaċċ ta’ Mejju Gallinago media, meta dawk l-għasafar ma kienux ittieħdu fi Stat Membru ieħor fejn ikunu jistgħu jittieħdu jew jinqabdu legalment taħt id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409KEE dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi kif ukoll taħt il-Liġijiet ta’ dak l-Istat Membru l-ieħor u dawn l-għasafar ma kienux miġjuba f’Malta wara l-1 ta’ Mejju 2004 u dan bi ksur ta’ Regolament 4(1)(f) tal-Avviż Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

4. Naqas milli jżomm fil-pussess tiegħu u għall-perjodu kollu li kien fil-pussess ta’ kampjuni, il-permessi, ċertifikati u dokumenti oħrajn kollha li jippruvaw għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li dak il-kampjun ma kienx miksub kontra d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il- Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u dan bi ksur ta’ Regolament 4(1)(f) tal-Avviż Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

5. Kellu fil-pussess tiegħu xi għasafar ibbalzmati li l-ispeċi tagħhom mhux inkluża fl-Iskeda III, u ċioé Gallozz tat-Tikek Porzana porzana; żewġ Gallozz Żgħir Porzana parva; Gawwija Rasha Kannella Larus ridibundus; Ċirlewwa Żgħira Sternal albifrons; u Bekkaċċ ta’ Mejju Gallinago media, li ma kienux ġew reġistrati mas-Sezzjoni fiż-żmien stipulat u dan bi ksur ta’ Regolament 21(5) tal-Avviż Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

6. Ittrasferixxa jew b’xi mod ieħor iddispona minn xi għasafar imsemmijin fir-Regolament 4(1)(e) tar-Regolament tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, (uħud inklużi fi Skeda I) mingħajr ma għamel talba lid-Direttur u mingħajr ma kellu awtorizzazzjoni bil-miktub ta’ dak it-trasferiment jew id-disponiment mingħand id-Direttur u dan bi ksur ta’ Regolament 4(2) tal-Avviż Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Il-Qorti giet mitluba illi barra li tagħti l-piena taħt ir-Regolament 27(2) tal-Avviż Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni ta’ kull liċenzja jew permess maħruġ taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għall-perjodu applikabbli taħt l-Avviż Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Għawdex) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, mgħotija fl-4 ta’ Marzu, 2014, li permezz tagħha l-Qorti filwaqt li, fuq nuqqas ta’ provi, illiberat lill-imputat mill-ewwel (1) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, wara li rat Regolamenti 4(1)(e), 4(1)(f), 4(2), u 21(5) u Skeda 1 tal-Leġislazzjoni Sussidarja 504.71 tal-Liġijiet ta’ Malta u Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat Jonathan Muscat ħati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba’ (4), tal-ħames (5) u tas-sitt (6) imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u ikkundanntu multa komplessiva ta’ elf, mitejn u hamsin euro (€ 1250.00).

Il-Qorti, wara li rat li uħud mill-għasafar in kwistjoni huma nklużi f’Skeda 1 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 504.71 tal-Liġijiet ta’ Malta, ordnat ukoll is-sospensjoni ta’ kull liċenzja jew permess maħruġ fil-konfront tal-imputat taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija u dana għal żmien sena mid-data tas-sentenza.
Finalment, il-Qorti jordnat il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-għasafar li jinsabu ndikati f’Dok. “GĦ 3” (a fol. 135).

**3.** Rat ir-rikors tal-appell tal-imsemmi Jonathan Muscat, ppreżentat fir-reġistru ta’ din il-Qorti fl-20 ta’ Marzu, 2014, li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu l-appellant ġie liberat mill-ewwel (1) imputazzjoni u tirrevokaha in kwantu għat-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba’ (4), il-ħames (5) u s-sitt (6) imputazzjoni fejn sabet lill-imputat ħati u kkundanatu multa komplessiva ta’ elf, mitejn u ħamisn ewro (€1250) u ordnat ukoll is-sospenzjoni ta’ kull liċenzja jew permess maħruġ fil-konfront tal-imputat taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija u dana għal żmien sena millum u b’hekk tillibera lill-imputat minn kull ħtija u piena skont il-liġi jew, alternattivament, tvarjaha in kwantu tikkonċerna l-piena u s-sospensjoni tal-liċenzja.

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża nklużi l-provi kollha prodotti quddiem l-ewwel Qorti fosthom id-depożizzjonijiet tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti, semgħet lix-xhud Stanley Gatt u semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell:

**5.** Il-fatti jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

Fl-20 ta' Lulju 2012 il-pulizija ghamlu tfittxija fir-residenza tal-imputat appellant u hemmhekk sabu numru konsiderevoli ta' tajr. Il-pulizija għalhekk talbet l-assistenza ta' uffiċjali tal-Awtorità tal-Ambjent u Ppjanar (MEPA) biex jiġi determinat jekk dan it-tajr kienx fil-pussess tal-imputat konformement mal-liġi. Irriżulta li numru minn dan it-tajr ma kienx fil-pussess tal-imputat skont il-liġi u ma kienux ġew dikjarati ma' l-awtoritajiet kompetenti fiż-żmien skont il-liġi. Minkejja li fl-2003 huwa kien iddikjara kollezzjoni ta' tajr balzmat mal-awtoritajiet it-tajr imsemmi ma kienx fost it-tajr dikjarat dakinhar. Barra minn hekk, numru ta' tajr li kien fost dawk dikjarati fl-2003 rriżulta li ma kienux għadhom fil-pussess tal-imputat. L-imputat spjega li t-tajr nieqes huwa kien iddispona minnu minħabba li biż-żmien iddeterjoraw u għalhekk ddispona minnhom u kien remihom. Dan għamlu mingħajr ma ottjena permess sabiex jiddisponi minnhom. Inoltre l-imputat ma kellux dwar it-tajr in kwistjoni il-permessi u ċertifikati skont il-liġi għaż-żamma tagħhom. It-tajr li kien fil-pussess tal-imputat kontra l-ligi ġew elevati mil-pulizija u ġew eventwalment esibiti f'dawn il-proċeduri. L-imputat sussegwentement gie mressaq il-Qorti akkuzat kif gia inghad.

**Ikkunsidrat:**

**6.** L-aggravji tal-appellant jikkonsistu sostanzjalment fis-segwenti:

1. l-Ewwel Qorti m'għamlitx apprezzament sew u xieraq tal-provi kif irriżultaw quddiemha, ma nġiebet l-ebda prova li l-propjetà li fiha saret it-tfittxija hija proprjeta esklussiva tal-esponenti u ħadd iktar m'għandu aċċess għaliha, u m nġiebet ebda prova li turi l-*mens rea* rikjesta sabiex tissusisti l-ħtija, u konsegwentement l-ewwel Qorti ma setghetx raġjonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha;

2. bla preġudizzju għall-ewwel aggravju, għal dak li jirrigwarda b'mod speċjali t-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet, għalkemm huwa minnu li *ignorantia legis neminem excusat* l-imputat kien fl-impossibilita' li jkun jaf x'tgħid il-liġi peress li fil-liġi l-għasafar huma elenkati bl-isem tagħhom bil-Latin mingħajr ma huma akkumpanjati bl-isem bil-Malti u li għalhekk f'dan il-każ hemm żball ta' fatt u mhux ta' dritt.

3. ma ġiet ordnata l-ebda perizja mill-Qorti u x-xhieda miġjuba mill-prosekuzzjoni sabiex jikkonfermaw u janalizzaw it-tjur in kwistjoni kienu biss xhieda ordinarji u parzjali li ma nħatrux mill-Qorti bħala esperti in materja u għalhekk il-Qorti ma setgħet qatt issib ħtija.

4. ir-raba' aggravju jirrigwarda l-piena u dan għaliex għalkemm il-piena inflitta hija fil-parametri tal-liġi din hija eċċessiva tenut kont tal-fatt li l-imputazzjonijet minn numru tnejn san-numru ħamsa jittrattaw fuq l-istess mertu u għandhom jiġu assorbiti b'mod li effettivament l-imputat nstab ħati biss ta' żewġ imputazzjonijiet li l-piena għalihom kellha konsegwentement tkun iżgħar minn dik erogata mill-ewwel Qorti. Barra minn hekk l-uniku reat li tiegħu kien nstab ħati l-imputat qabel is-sentenza appellata kien reat li jirrisali għall-2002, ma kellu x'jaqsam xejn ma kaċċa u l-imputat ma kienx reċidiv skont l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali, l-piena kienet eċċessiva komparata ma dik inflitta f'kawża oħra dwar l-istess reati, hawnhekk ma kienx hemm kwistjoni ta' kaċċa illegali jew reati akar gravużi. L-imputat jilmenta wkoll mis-sospensjoni tal-liċenzja.

**7.** In kwantu għall-dik il-parti ta' dan l-**<u>ewwel aggravju</u>** li jirrigwarda l-allegata nuqqas ta' prova ta' *mens rea* u n-nuqqas ta' prova ta' proprjeta' esklussiva tal-fond residenza tal-imputat appellant, ma hux ċar x'jifhem preċiżament l-appellant bil-*mens rea* rikjesta sabiex jissusisti r-reat. Għar-reat *de quo* ma hi meħtieġa ebda intenzjoni speċifika u għalhekk il-kostitwenti tal-element morali jew intenzjonali huma l-ingredjenti tal-intenzjoni ġenerika konsistenti fil-volonta' li jagħmel l-għemil materjali tar-reat u fil-konsapevolezza tan-natura u l-kwalita' tal-istess għemil. Ma jidhirx li jista' jkun hemm xi dubbju li l-għemil inkriminat kien wieħed magħmul mill-appellant volontarjament u li l-appellant kien jaf ben tajjeb f'hix jikkonsisti dak l-għemil. Ċertament ma hux meħtieġ li l-appellant ikun jaf li l-għemil tiegħu jmur kontra l-liġi penali.

**8.** Irriżulta li l-perkwiżizzjoni li matulha nstabu t-tajr miżmum kontra l-liġi saret fir-residenza tal-imputat[1]. Fost it-tajr li nstab kien hemm numru ta' tajr li l-imputat, snin qabel, kien iddikjara mal-awtoritajiet kompetenti[2]. Flimkien mat-tajr li snin qabel l-imputat kien iddikjara kif ingħad[3] instab ukoll numru ta' tajr (sitta fin-numru) li kienu miżmuma kontra l-liġi għaliex ma kienux fost dawk li ġew

---

[1] Affidavit PS 1407 Frank Portelli, fol. 7;
[2] Depożizzjoni Gilbert Haber, fol. 105-106
[3] Dok GH2, fol. 126

dikjarati lill-awtoritajiet[4]. Fl-2003 l-imputat appellant kien applika għall-permess biex iżomm għandu t-tajr li fl-2012 instab effettivament fir-residenza tiegħu[5] u li miegħu instab ukoll it-tajr li ma kienx ġie dikjarat[6]. Kien l-imputat li ffirma r-riċevuta għall-għasafar mhux dikjarati u li ġew elevati mir-residenza tiegħu u dan bħala l-persuna li mill-pussess tiegħu l-istess għasafar ġew maqbuda[7]. (Dok. BS8, fol. 247). Mill-premess tirriżulta l-prova skont il-liġi li l-imputat kellu l-*mens rea* meħtieġa tar-reat kif ukoll li t-tajr li nstab, li ġie elevat u li ġie konfiskat kien fil-pussess tiegħu.

**9.** Dan l-ewwel aggravju, fil-parti tiegħu hawn trattat, qiegħed għalhekk jiġi miċħud.

**10.** Fi**t-tieni aggravju** l-imputat appellant jilmenta li kien impossibbli għalih li jkun jaf x'tgħid il-liġi għaliex l-ismijiet tal-għasafar huma miktubin bil-Latin. Dan l-aggravju hu addirittura frivolu. Il-liġi hi pubblikata u għahekk aċċessibbli għalih kemm fit-test Malti kif ukoll fit-test Ingliż. Fihom l-ismijiet tal-għasafar huma indikati bil-Latin li hi l-lingwa li tintuża għall-ismijiet tal-għasafar fl-ornitoloġija, ix-xjenza tal-istudju tal-għasafar, bħal ma hi l-lingwa li normalment tintuża għall-ismijiet tal-organiżmi f'diversi kampi tax-xjenza bħal fil-biologija, botanija, mediċina u oħrajn. Hemm risorsi faċilment disponibbi, bħad-dipartiment kompetenti fi ħdan l-Awtorita' tal-Ambjent, kotba speċjalizzati, kemm bil-Malti kemm bl-Ingliż, nies esperti fil-materja anki f'Malta, biex ma jingħad xejn għar-risorsi teknoloġiċi tal-informatika moderna, li jistgħu jiġu konsultati faċilment sabiex permezz tagħhom min hu interessat u diliġenti ikun jista' jidentifika bi preċiżjoni t-tajra in kwistjoni u isimha, kemm bl-Ingliż kif ukoll bil-Malti.

**11.** F'dan l-istess aggravju l-appellant jgħid li fir-realtà il-kwistjoni tirrisolvi ruħha fi żball ta' fatt. Iżda anki minn dan l-aspett l-appellant ma għandux raġun. Dak li effettivament qiegħed isostni l-appellant hu li huwa ma kienx jaf liema huma l-għasafar li għalihom hemm riferenza fir-regolamenti relevanti għaliex dawn huma miktubin bil-Latin. Dan ma hux żball ta' fatt. Effettivament l-imputat

---

[4] Dok. GH3, fol. 135-136
[5] Dok. GH1, fol. 117-125
[6] Deġożizzjoni Gilbert Haber, fol. 106 u Dok. GH3, fol. 135-136
[7] Dok. BS8, fol. 247

appellant jallega li ma jafx liema huma l-għasafar milquta minn dawk ir-regolamenti għalkemm dawn huma kjarament elenkati fl-istess regolamenti bl-isem Latin tagħhom li, kif ingħad, ma hu ta’ ebda ostakolu sabiex dak li jkun ikun jista’ jidentifika l-għasafar in kwistjoni. Għalhekk, dak allegat mill-appellant huwa injoranza tal-liġi penali u mhux żball ta’ fatt. U kif jikkonfessa l-istess appellant l-injoranza tal-liġi penali ma hix difiża ammissibbli.

**12.** Dan it-tieni aggravju wkoll qiegħed għalhekk jiġi respint.

**13.** Fi**<u>t-tielet aggravju </u>**tiegħu l-appellant jissottometti li l-ewwel Qorti ma ordnat ebda perizija u x-xhieda miġjuba biex jikkonfermaw u janalizzaw it-tjur u l-annimali relevanti kienu biss xhieda ordinarji u parzjali mhux maħtura bħala esperti.

**14.** Il-persuni li xehedu dwar l-ispeċi tal-għasafar li nstabu fil-pussess tal-appellant u dwar dawk maqbuda u konfiskati kienu Gilbert Haber[8] li jirriżulta li għandu baċċellerat *honours* fix-xjenza tal-Biologija u l-Kemistrija kif ukoll għandu *masters degree* fix-xjenza u huwa Uffiċjal fil-Ħarsien tal-Ambjent fl-Ispettorat għall-Ħarsien tan-Natura fi ħdan l-Awtorita ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA)[9]. Xehed ukoll dwar l-istess materja Stanley J. Gatt li huwa rappreżentat tal-MEPA[10] u kollega tal-imsemmi Gilbert Haber[11], In kwantu għal Gilbert Haber ma jirriżultax li biex jixhed dak li xehed dan kien jeħtieġ xi “tagħrif jew ħila speċjali għall-eżami ta’ persuna jew xi oġġett” kif irid l-artikolu 650 tal-Kodiċi Kriminali sabiex ikun hemm lok li jinħatar espert.

**15.** Dak li xehedu l-istess Haber u Stanley Gatt kien limitat għal fatti li kienu a konoxxenza tagħhom personalment u dwar dak li kien mistenni li jkun a konoxxenza ta’ persuni li jokkupaw il-kariga li kienu jokkupaw l-istess Haber u Gatt. Di fatti ebda oġġezzjoni jew eċċezzjoni ma tqajjmet mid-difiża fl-ewwel istanza għax-xiehda tagħhom u anqas saru xi domandi in kontroeżami li b’xi mod jikkontestaw l-ammissibilita’ tagħhom li jixhdu dwar il-materja li

---

[8] Fol. 105
[9] Fol. 134, 136, 140
[10] Fol. 312
[11] Ara fol. 115

effettivament xehedu, anqas meta Stanley Gatt xehed f'din l-istanza quddiem din il-Qorti, li anzi sarulu domandi in kontro-eżami li jippresupponu li huwa kompetenti li jixhed dwar il-materja[12].

**16.** Għalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li dan it-tielet aggravju għandu wkoll jiġi miċħud.

**17.** F'dan l-istadju ser jiġi kunsidrat **Il-kumplament tal-ewwel aggravju** dwar l-apprezzament tal-provi.

**18.** In materia ta' apprezzament ta' provi l-ġurisprudenza ta' din il-Qorti hi ben stabbilita fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk mhux ghal ragunijiet gravi b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita' biss li l-ewwel Qorti ma setghetx ragionevolment tasal ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti quddiemha.

**19.** Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-provi kollha prodotti kemm fl-ewwel istanza kif ukoll f'din l-istanza u hi għal kollox sodisfatta li ġie ampjament pruvat skont il-liġi illi l-imputat nstab fil-pussess ta' kwantita' ta' għasafar ibbalzmati li huwa ma kienx iddikjara mal-awtoritajiet kompetenti kif trid il-liġi u li naqas li jirreġistra numru ta' għasafar li l-ispeċi tagħhom ma humiex imniżżla fl-iSkeda III mar-Regolamenti maħruġa bl-A.L. 79 ta' l-2006 fiż-żmien skont il-liġi u li għalhekk kienu fil-pussess tiegħu minghajr permess skont il-liġi. Jirriżulta wkoll li l-imputat appellant, mingħajr ma qabel talab il-permess għal daqshekk minn għand l-awtorita' kompetenti skont il-liġi, iddispona minn numru ta' għasafar li huwa oriġinarjament kien irreġistra u ddikjara mal-awtoritajiet kompetenti. Inoltre, ma nstabu fil-pussess tal-imputat u ma ġew prodotti ebda permessi, ċertifikati jew dokumenti oħra li juru li l-għasafar maqbuda kienu ġew fil-pussess tal-imputat legalment jew li ttieħdu legalment f'xi Stat Membru tal-Unjoni Ewropeja.

[12] Ara fol. 316-317

**20.** Mill-premess, għalhekk, jirriżulta ampjament li ma jeżistu ebda raġunijiet gravi biżżejjed sabiex din il-Qorti tiddipartixxi mill-apprezzament li għamlet l-ewwel Qorti tal-provi prodotti u anżi jeżistu r-raġunijiet kollha għaliex għandha tikkondividih kif qed tagħmel.

**21.** Konsegwentement, l-ewwel aggravju qiegħed jiġi respint fl-intier tiegħu.

**22.** Ir-**<u>raba’ aggravju</u>** jittratta mill-piena li l-appellant isostni hi eċċessiva. Kif jaqbel l-imputat appellant stess, il-piena hija fil-parametri tal-liġi. Hu paċifiku li f’materja ta’ piena din il-Qorti, bhala Qorti ta’ reviżjoni, ma tiddisturbax l-apprezzament tal-ewwel Qorti fejn il-piena tkun taqa’ fil-parametri tal-liġi u sakemm dik il-piena ma tkunx waħda manifestament eċċessiva jew ma jkunx hemm raġunijiet serji oħra li minħabba fihom din il-Qorti jkollha tintervjeni billi timmitiga l-piena erogata mill-ewwel Qorti.

**23.** L-appellant jgħid li l-piena kellha tkun inqas ghaliex kien hemm “l-assorbiment” tar-reati fl-imputazzjonijiet numru 2 sal-5. Peress li l-ewwel Qorti jirriżulta li, tajjeb jew ħażin, ħadet in kunsiderazzjoni dan l-hekk msejjaħ “assorbiment” tant li fil-parti rigwardanti l-piena ċċitat l-artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali din ma tirriżultax raġuni suffiċjenti biex din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti.

**24.** L-imputat jirrileva wkoll li r-reat li tiegħu l-appellant nstab ħati qabel ir-reat hawn in kwistjoni jrrisali għas-sena 2002 u ma għandux x’jaqsam mal-kaċċa. Tenut kont tal-fatt li l-piena hija waħda pekunjarja u hija lejn il-medja tal-parametri tal-piena din il-Qorti wkoll ma ssibx f’din is-sottomissjoni raġuni suffiċjenti sabiex tiddisturba l-piena erogata mill-ewwel Qorti. Din il-Qorti kkunsidrat ukoll ir-raġunijiet l-oħra mogħtija mill-appellant u fihom ukoll ma ssibx raġunijet gravi biżżejjed fihom sabiex din il-Qorti tiddipartixxi mill-piena erogata. In kwantu li l-appellant jilmenta wkoll mis-sospensjoni tal-liċenzja dan l-ilment ma hux sostnut għaliex is-sospensjoni tal-liċenzja hija skont il-liġi mandatarja.

**25.** B’hekk l-aggravji kollha tal-appellant qiegħdin jiġu respinti fl-intier tagħhom.

Għaldaqstant, il-Qorti tiċħad l-appell tal-imputat appellant Jonathan Muscat u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------